MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-29 ta' Frar, 2012

Numru. 1161/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Portelli)**

**Vs**

**Roderick Zahra ta' 27 sena iben Nazzareno u Carmen nee' Borg, imwieled il-Pieta' nhar il-19 ta' Mejju 1984, residenti gewwa Redcaren, Triq il-Gubjun, Ghaxaq, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru tal-karta ta'l-identita' numru 262484(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Roderick Zahra akkuzat talli b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda u cioe':

1. Talli f'xi zmien bejn l-1 ta' Ottubru 2011 u is-17 ta' Ottubru 2011 ikkometta serq ta' cilindru tal-gas valur ta' 25 ewro minn gewwa l-bitha tar-residenza no.87, Triq Patri Indri Vella, Pembroke, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-lok u dan sar ghad-dannu ta' Patrick Bonnici;
2. talli f'xi hin matul il-gurnata ta' nhar il-11 ta' Ottubru 2011, ikkometta serq ta' cilindru tal-gas valur ta' 25 ewro minn gewwa d-drive-in ta' residenza no.2, Darina, Triq il-Ghoqod, Swieqi u dana sar ghad-dannu ta' John Carbone u/jew persuni ohra;
3. talli f'xi hin bejn is-06:30 ta' fil-ghodu u id-9:00 ta' fil-ghodu ta' nhar it-13 ta' Ottubru 2011, ikkometta serq ta' cilindru tal-gas valur ta' 25 ewro minn quddiem ir-residenza no.4, God's Will, Triq Dun Manwel Zammit, Siggiewi, u dana sar ghad-dannu ta' Edward Gatt u/jew persuni ohra;
4. talli f'xi hin matul il-gurnata ta' nhar is-16 ta' Ottubru 2011, ikkometta serq ta' cilindru tal-gas valur ta' 33 ewro minn gewwa id-drive-in ta' residenza no.34, l-Gharix, Triq Ant. Schembri, San Gwann u dana sar ghad-dannu ta' Igino Grech u/jew persuni ohra;
5. talli f'xi hin bejn l-10:00 ta' fil-ghodu u il-12:15 ta' wara nofs in-nhar ta' nhar is-7 ta' Ottubru 2011, ikkometta serq ta' zewg cilindri tal-gas valur ta' 83 ewro minn gewwa l-antiporta ta' residenza no.16, Qronfla, Triq Gaspare Pace, Siggiewi u dana sar ghad-dannu ta' Alfrida Cortis u/jew persuni ohra;
6. talli ghal habta tat-3:00 ta' fil-ghodu ta' nhar l-24 ta' Awwissu 2011, ikkometta serq ta' cilindru tal-gas valur ta' 25 ewro minn quddiem r-residenza no. 2 Graz, Triq Ferdinand Grech, Pembroke u u dana sar ghad-dannu ta' Grace Borg u/jew persuni ohra;
7. talli f'xi zmien bejn it-03 ta' Ottubru 2011 u is-07 ta' Ottubru 2011, ikkometta serq ta' cilindru tal-gas valur ta' 25 ewro minn gewwa l-parapett tar-residenza no.64, Joie De Vivre, Triq Patri Indri Vella, Pembroke, u dana sar ghad-dannu ta' Olena Onyshchenko u/jew persuni ohra;
8. talli f'xi zmien bejn il-11 ta' Ottubru 2011 u is-17 ta' Ottubru 2011, ikkometta serq ta' cilindru tal-gas valur ta' 41 ewro minn gewwa bitha fuq quddiem tar-residenza

no.2 Karros, Triq Gaspare Pace, Siggiewi u dana sar ghad-dannu ta’ Carmel Zammit u/jew persuni ohra;
9. talli f’xi hin bejn il-11:00 ta’ fil-ghodu u nofs in-nhar ta’ nhar is-7 ta’ Ottubru 2011, ikkometta serq ta’ cilindru tal-gas valur ta’ 25 ewro minn gewwa l-parapett tar-residenza no.2 Maison de Leone, Triq Pawlu VI, Siggiewi, u dan sar ghad-dannu ta’ Joseph Baldacchino u/jew persuni ohra;
10. talli f’xi hin bejn is-1:00 ta’ wara nofs in-nhar u is-6:00 ta’ fil-ghaxija ta’ nhar il-15 ta’ Otturbu 2011, ikkometta serq ta’ cilindru tal-gas valur ta’ 33 ewro minn gewwa d-drive in tar-residenza no.26 “Thierry”, Triq Giovanni Depot, Kappara u dana sar ghad-dannu ta’ Emanuel Fenech u/jew persuni ohra;
11. talli f’xi hin qabel it-08:30 ta’ fil-ghodu ta’ nhar il-11 ta’ Ottubru 2011 ikkometta serq ta’ zewg cilindri tal-gas valur ta’ 83 ewro, minn wara x-xatba tar-residenza no.26 Triq Mons. F. X. Mangion, Siggiewi u dan sar ghad-dannu ta’ Jason Psaila u/jew persuni ohra;
12. talli f’xi hin bejn is-7:00 ta’ fil-ghaxija tal-15 ta’ Ottubru 2011 u is-2:30 ta’ wara nofs in-nhar ta’ nhar is-16 ta’ Ottubru 2011 ikkometta serq ta’ cilindru tal-gas valur ta’ 33ewro minn gewwa d-drive in tar-residenza no. 12, Madonnina, Triq Antonio Busuttil, San Giljan u dana sar ghad-dannu ta’ Anna Galea u/jew persuni ohra;
13. talli f’xi hin bejn is-2:30 ta’ wara u it-3:30 ta’ wara nofs in-nhar ta’ nhar it-13 ta’ Ottubru 2011, ikkometta serq ta’ cilindru tal-gas valur ta’ 33 ewro minn gewwa l-parapett tar-residenza Samoyed, Triq il-Girgenti, Siggiewi u dan sar ghad-dannu ta’ Roderick Livori u/jew persuni ohra;
14. talli f’xi zmien bejn is-17 ta’ settembru 2011 u id-19 ta’ Settembru 2011, ikkometta serq ta’ cilindru tal-gas valur ta’ 41 ewro minn gewwa d-drive-in tar-residenza no.64 Villa St. Denise, Triq il-Hida, San Gwann, u dana sar ghad-dannu ta’ Dennis Burke, u/jew persuni ohra;
15. talli f’xi hin bejn il-11:00 ta’ fil-ghodu u il-11:15 ta’ fil-ghodu ta’ nhar is-7 ta’ Ottubru 2011, ikkometta serq ta’ cilindru tal-gas valur ta’ 33 ewro,. Minn gewwa l-parapett tar-residenza Il-Giebja, Triq l-Ilqugh, Swieqi, u dan sar ghad-dannu ta’ Maria Carmela Cauchi u/jew persuni ohra;
16. talli f’xi hin bejn it-8:00 ta’ fil-ghodu u is-6:00 ta’ fil-ghaxija ta’ nhar it-18 ta’ Settembru 2011 ikkometta serq

ta’ cilindru tal-gas valur ta’ 25 ewro, minn gewwa l-gardina tar-residenza no.24 “4 Seasons”, Triq il-Mediterran, Pembroke u dan sar ghad-dannu ta’ Ivana Restall u/jew persuni ohra;

17. talli f’xi zmien bejn is-7 ta’ Ottubru 2011 u it-18 ta’ Ottubru 2011 ikkometta serq ta’ cilindru tal-gas valur ta 41 ewro minn gewwa l-giardina tar-residenza no.13 Bienvenida, Triq il-Qasab, San Gwann, u dan sar ghad-dannu ta’ Giuseppa Debattista u/jew persuni ohra.

18. talli f’xi zmien bejn is-7 ta’ Ottubru 2011 u it-18 ta’ Ottubru 2011 ikkometta serq ta’ cilindru tal-gas valur ta’ 25 ewro minn taht it-tarag tar-residenza no.5, Four Winds, Triq Salvu Bonnano, San Gwann u dan sar ghad-dannu ta’ Audrey Gatt u/jew persuni ohra;

19. talli f’xi zmien bejn it-8:00 ta’ fil-ghodu ta’ nhar il-10 ta’ Ottubru 2011 u il-5:30 ta’ fil-ghaxija ta’ nhar is-17 ta’ Ottubru 2011 ikkometta serq ta’ cilindru tal-gas valur ta’ 25 ewro minn taht it-tarag tal-komun tar-residenza Bell de Jour flat no.1 Triq Hal Mula, Zebbug (Malta) u dan sar ghad-dannu ta’ Martin Zammit u/jew persuni;

20. talli f’xi zmien qabel is-17 ta’ Ottubru 2011 ikkometta serq ta’ cilindru tal-gas valur ta’ 25 ewro minn quddiem ir-residenza no.18 Our Cottage, Triq Giovanni Despot, Kappara u dan sar ghad-dannu ta’ persuna jew persuni mhux maghrufa;

21. talli nhar is-17 ta’ Otturbu 2011 hin qabel l-9:45 ta’ fil-ghodu assoccja ruhu bil-ghan li jaghmel delitt f’Malta u cioe’ delitt ta’ serq ta’ cilindru jew cilindri tal-gas minn bnadi gewwa H’Attard u/jew irhula ohra, liema delitt huwa punibbli b’piena ta’ prigunerija m’huwiex delitt taht l-att dwar l-istampa;

22. U aktar talli kiser il-provvediment ta’l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dott. Laurence Quintano LL.D., datata 12 ta’ April 2010 u dan li ma jikkomettiex reat iehor fi zmien 18-il xahar liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tal-21 ta’ Ottubru 2011 sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti tatu zmien jirrikonsidra l-istess.

Rat il-*pre-sentencing report* maghmul mill-Ufficjal tal-Probation Chantelle Avellino.

Semghet il-provi u it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat,

Illi fid-dawl ta'l-ammissjoni maghmula mill-imputat ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, l-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta'l-istess.

Illi meta tigi biex tikkonsidra il-piena li ghandha tigi inflitta, ghalkemm l-imputat huwa akkuzat li kiser il-provvediment ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tqies illi l-fedina penali ta'l-imputat mhijiex xi wahda allarmanti. Illi l-imputat illum ghandu familja ta' zewgt itfal zghar li jiddependu fuqu ghall-ghejxien taghhom. Inoltre jidher illi huwa qieghed jaghmel l-almu tieghu biex jeghleb il-vizzju tad-droga liema vizzju wasslu ghal kummissjoni tar-reati li dwarhom jinsab akkuzat. Il-Qorti ghalhekk ghad ghandha tama illi l-imputat jista' jirriforma hajtu u ghalhekk piena karcerarja effettiva ma hijiex ser tkun ta' ghajnuna ghalih. Il-Qorti tikkondividi dak mistqarr mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali (sede inferjuri) f'sentenza tat-18 ta' Jannar 2001 fil-kawza fl-ismijiet 'Pulizija vs George Farrugia' fejn intqal is-segwenti :-

Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellant hija « irriversibbli » - fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita' assoluta – anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' *Probation* hu indikat biss ghal « first offenders » zghazagh. Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta' mhux zghira u li forsi hu recediv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna « a window of opportunity » li permezz taghha jkun jista'

jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija. Kif jispjega David Thomas fil-ktieb tieghu **Principles of Sentencing** (Heinemann, London, 1979) :

***"The term "inadequate recidivist" is used to describe an offender, middle aged or older, who has over a long period of years committed numerous offences, not in themselves in the first rank of seriousness, and has served many terms of imprisonment as well as experiencing an extensive selection of other penal measures. Faced with such an offender, the Court will usually grasp any chance of breaking the cycle of offence and sentence, even if the chances of success are obviously limited…As in the case of the intermediate recidivist there must be some prospect of success, however remote" (pp. 22,23) U aktar tard l-istess awtur jghid hekk dwar l-uzu ta' l-Ordni ta' Probation :***

***'The probation order is clearly the most important individualized measure available to a sentencer. It is not limited to any one group of offenders; as the discussion in chapter one illustrates, probation is used to deal with recidivists of mature age as well as the young and those of good character' (p. 236)."***

Illi ghaldaqstant fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti ser tadotta ir-rakomandazzjoni maghmula mill-Ufficjal tal-Probation u ser tghaddi sabiex tapplika l-provedimenti ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bit-tama illi l-imputat jirriforma hajtu.

Ghaldaqstant l-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 261(b)(e), 263(a), 269(g), 284, 48A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti qed tqieghed lil hati taht ordni ta' probation ghal zmien tlett snin mil-lum. Inoltre wara li rat l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tikkonverti s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati

(Magistrat, illum Imhallef Lawrence Quintano) tat-12 ta' April 2010 f'multa ta' hames mitt ewro.(€500).

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul dana il-perijodu ta' tlett snin jew jekk huwa jonqos mill-jobdi l-ordni imposta fuqu illum.

Finalment il-Qorti wara li rat l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna lil hati ihallas lil parti leza l-ammont ta' danni kif ser jinghad u cioe' lil Patrick Bonnici l-ammont ta' €25, lil John Carbone l-ammont ta' €25, lil Edward Gatt l-ammont ta' €25, lil Igino Grech l-ammont ta' €33, lil Alfrida Cortis l-ammont ta' €83, lil Grace Borg l-ammont ta' €25, lil Olena Onyshchenko l-ammont ta' €25, lil Carmel Zammit l-ammont ta' €41, lil Joseph Baldacchino l-ammont ta' €25, lil Emanuel Fenech l-ammont ta' €33, lil Jason Psaila l-ammont ta' €83, lil Anna Galea l-ammont ta' €33, lil Roderick Livori l-ammont ta' €33, lil Dennis Burke l-ammont ta' €41, lil Maria Carmela Cauchi l-ammont ta' €33, lil Ivana Restall l-ammont ta' €25, lil Giuseppa Debattista l-ammont ta' €41, lil Audrey Gatt l-ammont ta' €25 u lil Martin Zammit l-ammont ta' €25. Dawn l-ammonti ghandhom jithallsu fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti tordna illi kopja ta' dina s-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Probation skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------